

V

(Awviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

SEJĦA GĦAL NOMINI BIL-ĦSIEB TAL-ELEZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

(2019/C 293/01)

Wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

Wara li kkunsidra r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif tad-dmirijiet tal-Ombudsman adottati mill-Parlament Ewropew fid-9 ta' Marzu 1994 ⁽¹⁾ u, b'mod partikolari, l-Artikoli 6 u 7 tagħhom.

Wara li kkunsidra l-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar l-elezzjoni tal-Ombudsman,

Billi din l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew se tkun għat-tul tal-leġislatura parlamentari 2019-2024,

Billi l-Ombudsman Ewropew hu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid,

Billi l-Ombudsman Ewropew jintgħażel minn fost persuni li huma ċittadini tal-Unjoni, li għandhom id-drittijiet ċivili u politiċi kollha, li joffru kull garanzija ta' indipendenza u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti għat-tweqqif tal-ogħla kariga ġudizzjarja f'pajjiżhom jew li jkollhom il-kompetenza u l-esperjenza rikonoxxuti biex iwettqu d-dmirijiet tal-Ombudsman,

1. Qed issir stedina għal nomini bl-intenzjoni li jiġi elett Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew.

2. L-applikanti jeħtiġilhom l-appoġġ ta' minimu ta' 40 Membru tal-Parlament Ewropew li jkunu ċittadini ta' mill-inqas żewġ Stati Membri u jridu jipprovdu d-dokumenti ġustifikattivi kollha li hemm bżonn biex jintwera b'mod konklużiv li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman u impenn solenni minnhom li, jekk jinħatru, ma jinvolvu ruħhom fl-ebda okkupazzjoni oħra, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas, waqt iż-żmien tagħhom fil-kariga.

⁽¹⁾ ĠUL 113, 4.5.1994, p. 15.

3. In-nomini iridu jintbagħtu lill-President tal-Parlament Ewropew sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2019 ⁽²⁾.
4. L-ipproċessar tad-*data* personali kollha matul il-proċedura ta' valutazzjoni u elezzjoni se jkun konformi mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Id-dettalji kollha dwar l-attivitajiet ta' pproċessar huma disponibbli fuq <http://www.europarl.europa.eu/ombudsmanelection2019/en/home/home.html>

D.M. SASSOLI

President tal-Parlament Ewropew

⁽²⁾ In-nomini għandhom jintbagħtu lil:
Il-President tal-Parlament Ewropew
(In-nomini għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)
PHS 06A055
Indirizz tal-posta:
Louise Weiss Building
Allée du Printemps
BP 1024/F
67070 Strasbourg Cedex
FRANCE
jew
Paul-Henri Spaak Building
Rue Wiertz/Wiertzstraat
1047 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

In-nomini għandhom jiddikjaraw id-dettalji tal-kuntatt rilevanti, inkluż l-indirizz elettroniku.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).